

Brussell, 7 ta' April 2022  
(OR. en)

7831/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0096(COD)**

---

**CODEC 427**  
**COH 28**  
**SOC 202**  
**PE 33**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward taż-żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi REACT-EU - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 4-7 ta' April 2022)

---

### **I. INTRODUZZJONI**

Fis-6 ta' April 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li, jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta emendata tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

F'dan il-kuntest, wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali biex jipproċedi skont l-Artikolu 163 (proċedura urġenti) fil-5 ta' April 2022, dan il-Kumitat ressaq il-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Regolament. Ma ġiet ippreżentata ebda emenda.

## II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-7 ta' April 2022 bl-inkorporazzjoni tal-proposta emendata tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġiżlattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

**P9\_TA(2022)0118**

**Żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju (COM(2022)0145 – C9-0127/2022 – COM(2022)0162 – C9-0136/2022 – 2022/0096(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0145) u l-proposta emendata (COM(2022)0162),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0127/2022, C9-0136/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta' April 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' April 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, u l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022.

Billi:

- (1) L-aggressjoni militari reċenti mill-Federazzjoni -Russa kontra l-Ukrajna u l-kunflitt armat li għaddej biddlu b'mod fundamentali s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa. B'risultat ta' dik l-aggressjoni militari, l-Unjoni, u r-reġjuni tal-Lvant tagħha b'mod partikolari, qed jiffaċċaw influż sostanzjali ta' persuni. Dan johlq sfida addizzjonali għall-baġits pubbliċi fi żmien meta l-ekonomija tal-Istati Membri għadhom qed jirkupraw mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, u jirriskja li jimmina t-tnejja ta' rkupru tal-ekonomija ekoloġiku, diġitali u reżiljenti.
- (2) L-Istati Membri diġà jistgħu jiffinanzjaw firxa wiesgħa ta' investimenti biex jindirizzaw l-isfidi migratorji taħt il-programmi operazzjonali b'appoġġ mingħand il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), il-Fond Soċjali Ewropew ("FSE") u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB) inkluż taħt ir-riżorsi addizzjonali li saru disponibbli bħala Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), biex jipprovdu assistenza għat-trawwim tat-tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tnejja ta' rkupru tal-ekonomija ekoloġiku, diġitali u reżiljenti.

- (3) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1+</sup> għamel għadd ta' emendi mmirati għar-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013<sup>2</sup> u (UE) Nru 223/2014<sup>3</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri li jużaw il-bqija tal-allokkazzjonijiet tagħhom taħt il-FEŻR, il-FSE u l-FGħEB taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, kif ukoll biex jużaw ir-riżorsi tar-REACT-EU, biex jindirizzaw l-isfidi migratorji bl-aktar mod effettiv u rapidu possibbli.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L ..., p...).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 12/22 (2022/0075(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

- (4) Minkejja l-flessibbiltajiet offruti mir-Regolament (UE) 2022/...<sup>+</sup>, l-Istati Membri għadhom jiffaċċaw pressjoni sostanzjali fuq il-baġits pubbliċi minn sfidi li jirriżultaw mil-għadd kbir ħafna ta' wasliet ta' persuni li qed jaħrabu mill-Ukrajna. Dik il-pressjoni tirriskja li timmina l-kapaċità tal-Istati Membri li jimxu lejn irkupru tal-ekonomija reżiljenti mill-pandemija tal-COVID-19. Sabiex l-Istati Membri jiġu meġġuna jindirizzaw l-isfidi migratorji, jenħtieġ li l-appoġġ mill-FEŻR, mill-FSE u mill-FGħEB jiġi mmobilizzat malajr billi tiżdied ir-rata ta' prefinanzjament inizjali mħallas mir-riżorsi tar-REACT-EU għall-Istati Membri kollha. Fl-istess ħin, xi Stati Membri ġew ikkonfrontati b'għadd sinifikanti ta' persuni li waslu mill-Ukrajna, li jeħtieġu l-ġhoti ta' appoġġ immedjat. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jibbenefikaw minn żieda sinifikantement oġġla fir-rata tal-prefinanzjament inizjali biex ipattu għall-kostijiet baġitarji immedjati u jappoġġaw l-isforzi tagħhom fit-tnejn tal-irkupru tal-ekonomiji tagħhom.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 12/22 (2022/0075(COD)).

- (5) Sabiex jiġi mmonitorjat l-użu li sar minn dak il-prefinanzjament addizzjonali, jenħtieġ li r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-FEŻR u l-FSE li jirċievu prefinanzjament addizzjonali jinkludu informazzjoni dwar l-użu li sar mill-ammonti addizzjonali rċevuti biex jiġu indirizzati l-isfidi migratorji ffaċċati b'riżultat tal-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa, u kif dawk l-ammonti addizzjonali kkontribwixxu għall-irkupru tal-ekonomija.

(6) Jenħtieġ li jiġi stabbilit kost unitarju, sabiex jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fil-kuntest tal-indirizzar tal-isfidi migratorji li jirriżultaw mill-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa. Il-kost unitarju jenħtieġ li jiffaċilita, fl-Istati Membri kollha, il-finanzjament tal-ħtiġijiet bażiċi u l-appoġġ ta' persuni li jingħataw protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata oħra skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382<sup>1</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE<sup>2</sup>, għal perjodu ta' 13-il ġimgħa mill-wasla tal-persuna fl-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2022/...<sup>+</sup> l-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll kost unitarju meta jużaw il-possibilità prevista fl-Artikolu 98(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 biex jiffinanzjaw operazzjonijiet li jindirizzaw sfidi migratorji mill-FEŻR jew mill-FSE abbażi tar-regoli applikabbli għall-Fond l-ieħor, inkluż meta dak jinvolvi riżorsi tar-REACT-EU. Meta jagħmlu użu mill-kost unitarju, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkollhom l-arranġamenti meħtieġa fis-seħħ biex jevitaw il-finanzjament doppju tal-istess kostijiet.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 12/22 (2022/0075(COD)).

- (7) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jġifieri li l-Istati Membri jingħataw assistenza għall-indirizzar tal-isfidi maħluqin mill-għadd eċċezzjonalment kbir ta' wasliet ta' persuni li qed jaħarbu mill-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri għall-qalba lejn irkupru tal-ekonomija reżiljenti mill-pandemija tal-COVID-19, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 jiġu emendati kif xieraq.

- (9) Minħabba l-urġenza biex tiġi pprovduta għajnuna rapida għall-baġits pubbliċi bil-ħsieb li tiġi ppreservata l-kapaċità tal-Istati Membri li jappoġġaw l-irkupru tal-ekonomiji mill-pandemija tal-COVID-19 u biex jkunu jistgħu jsiru pagamenti addizzjonali għall-programmi operazzjonali mingħajr dewmien, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat previstafli-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (10) Fid-dawl tal-ħtieġa li tingħata għajnuna rapida għall-baġits pubbliċi bil-għan li tiġi ppreservata l-kapaċità tal-Istati Membri li jsostnu l-proċess ta' rkupru ekonomiku u jkun permess li jsiru pagamenti addizzjonali għall-programmi operazzjonali mingħajr dewmien, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 68c*

Kost unitarju għall-operazzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi migratorji li jirriżultaw mill-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa

Għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi migratorji li jirriżultaw mill-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa, fin-nefqa ddikjarata fl-applikazzjonijiet għall-pagament, l-Istati Membri jistgħu jinkludu kost unitarju marbut mal-ħtiġijiet bażiċi u mal-appoġġ ta' persuni li ngħataw protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata oħra skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382\* u mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE\*\*. Dak il-kost unitarju għandu jkun ta' EUR 40 fil-ġimgħa għal kull ġimgħa sħiħa jew parzjali li l-persuna tkun fl-Istat Membru kkonċernat. Il-kost unitarju jista' jintuża għal massimu ta' 13-il ġimgħa b'kollox, mid-data tal-wasla tal-persuna fl-Unjoni.

L-ammonti kkalkulati fuq dik il-bażi għandhom jitqiesu bħala appoġġ pubbliku mħallas lill-benefiċjarji u bħala nefqa eliġibbli għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- 
- \* Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).
- \*\* Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).';

(2) fl-Artikolu 92b, il-paragrafu 7, huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin wara l-ewwel subparagrafu:

"Minbarra l-prefinanzjament inizjali stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tħallas 4 % tar-riżorsi tar-REACT-EU allokatli għall-programmi għas-sena 2021 bħala prefinanzjament inizjali addizzjonali fl-2022. Għall-programmi fl-Istati Membri li kellhom livell ta' wasliet ta' persuni mill-Ukrajna oġġla minn 1 % tal-popolazzjoni nazzjonali tagħhom bejn l-24 ta' Frar 2022 u t-23 ta' Marzu 2022, dak il-perċentwal għandu jiżdied għal 34 %.

Meta jibagħtu r-rapport ta' implimentazzjoni finali meħtieġ skont l-Artikolu 50(1) u l-Artikolu 111, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-użu li jkun sar mill-prefinanzjament inizjali addizzjonali previst fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu biex jindirizzaw l-isfidi migratorji ffaċċati b'riżultat tal-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa u l-kontribuzzjoni ta' dak il-prefinanzjament inizjali addizzjonali għall-irkupru tal-ekonomija.";

(b) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali jew l-emenda għall-programm operazzjonali li jalloka r-riżorsi REACT-EU għall-2021 tkun ġiet adottata wara l-31 ta' Diċembru 2021 u l-prefinanzjament relatat ma jkunx tħallas, l-ammont ta' prefinanzjament inizjali msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandu jitħallas fl-2022.

L-ammont imħallas bħala prefinanzjament inizjali msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandu jiġi saldat għalkollox mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm operazzjonali.";

(3) fl-Artikolu 131, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. In-nefqa eliġibbli inkluża f'applikazzjoni għall-pagament għandha tkun appoġġata minn fatturi riċevuti jew dokumenti ta' kontabbiltà ta' valur probatorju ekwivalenti, ħlief għall-forom ta' appoġġ imsemmija fil-punti (b) sa (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(1), l-Artikoli 68, 68a, 68b u 68c, l-Artikolu 69(1) u l-Artikolu 109 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 14 tar-Regolament FSE. Għal dawk il-forom ta' appoġġ, l-ammonti inklużi f'applikazzjoni għall-pagament għandhom ikunu l-kostijiet kkalkulati fuq il-bażi applikabbli.".

## Artikolu 2

### Emenda għar-Regolament (UE) Nru 223/2014

L-Artikolu 6a, il-paragrafu 4, tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

"Minbarra l-prefinanzjament inizjali stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tħallas 4 % tar-riżorsi tar-REACT-EU allokatati għall-programmi għas-sena 2021 bħala prefinanzjament inizjali addizzjonali fl-2022. Għall-programmi fl-Istati Membri li kellhom livell ta' wasliet ta' persuni mill-Ukrajna ogħla minn 1 % tal-popolazzjoni nazzjonali tagħhom bejn l-24 ta' Frar 2022 u t-23 ta' Marzu 2022, dak il-perċentwal għandu jiżdied għal 34 %.";

(2) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont imħallas bħala prefinanzjament inizjali msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandu jiġi saldat għalkollox mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm operazzjonali."

### Artikolu 3

#### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*